MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1181/2003

Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta

Vs

Joseph Coleiro

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tlettax-il lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm913.18) kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, li jammonta ghal Lm70.87, u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammonta ghal Lm842.31 fil-fond

Flamingo Tours, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Bahar, ghall-perjodu mill-11 ta' Frar 1995 sas-6 ta' Marzu 1999, skond il-kont numru 952069140.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda bil-gurament ta' l-avukat Dr. Guido Pace Spadaro.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tlettax-il lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm913.18), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------